# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-5 t' April, 2016**

**Rikors Numru 1003/2010**

**Fortunato Ellul (I.D. 573125 M)**

**vs.**

**Margaret armla minn Joseph Ellul,**
**Matthew Ellul, Andrew Ellul, Teresa Ellul**

**u**

***ai termini* tad-digriet datat is-26 t'Ottubru,**
**2011, gie ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju**
**f'isem Matthew u Andrew ahwa Ellul**

**Rose armla minn Pascal Stivala**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-1 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi l-kontendenti huma ulied Antonio u Alice konjugi Ellul, it-tnejn mejtin, (ara foll 5 u 6 rispettivament);

1.2. Illi l-wirt taghhom hu regolat b'testment *unica charta in atti* tan-Nutar Giovanni Azzopardi, datat it-28 ta' Lulju, 1937, (ara foll 7);

1.3. Illi l-imsemmija Alice Ellul sussegwentement ghamlet testment iehor datat id-29 ta' Dicembru, 1955, *in atti* tan-Nutar Carmelo Giuseppe Vella, (ara foll 9);

1.4. Illi l-wirt tal-imsemmija genituri defunti ddevolva fuq is-seba` ulied ta' l-istess, oltre li hallew l-uzufrutt reciproku lil xulxin;

1.5. Illi b'kuntratt ta' divizjoni *in atti* tan-Nutar Dottor Pierre Attard datat it-28 ta' Mejju, 1982, l-ahwa Ellul *de quo* ddividew il-wirt li gie ghandhom mill-genituri taghhom, (ara foll 11);

1.6. Illi tnejn (2) mis-seba` ahwa involuti, senjatament Carmelo u Maria mietu meta kienu ghadhom guvni u xebba, (ara foll 41 u 42 rispettivament);

1.7. Illi l-wirt tal-ahwa Ellul indikati fil-paragrafu precedenti ddevolva b'testmenti rispettivament datati z-19 ta' Gunju, 1980, u l-1 ta' Novembru, 1982, it-tnejn *in atti* tan-Nutar Dottor Pierre Attard, (ara foll 43 u 45 rispettivament);

1.8. Illi ghalhekk skont l-imsemmi testment, il-wirt ta' Carmelo Ellul iddevolva fuq hutu xebbiet Giovanna Maria, Maria u Tereza f'ishma ugwali bejniethom;

1.9. Illi Givanni Maria Ellul mietet fil-5 ta' Settembru, 2006, (ara foll 55), u permezz tat-testment taghha *in atti* tan-Nutar Anthony Attard datat l-1 ta' Novembru, 1982, (ara foll 50), halliet l-uzufrutt ta' hwejjigha lil huta Tereza u Maria, u nnominat bhala eredi universali taghha in kwnatu ghan-nofs lit-tfal li jkunu twieldu u jkunu hajjin fil-mument tal-mewt taghha, lil huha Joseph Ellul, u dan, f'ishma indaqs u bid-dritt t'akkrexximent bejniethom u bis-sostituzzjoni vulgari ghal uliedhom fil-kaz ta' premorjanza tat-testattrici, u in kwantu ghar-rimanenti nofs l-iehor lill-imsemmi Joseph Ellul, bis-sostituzzjoni ghal uliedu f'kaz ta' premorjanza tat-testatrici;

1.10. Illi l-imsemmi Joseph miet fl-14 ta' Frar, 2007, (ara foll 56);

1.11. Illi ghalhekk l-imsemmi Joseph wiret lil ohtu Giovanna Maria fuq indikata flimkien m'uliedu Matthew u Andrew;

1.12. Illi Giovanna Maria ma kienitx kapaci u ma kienitx fil-pjeni poteri mentali taghha skont il-ligi biex tirredigi testment peress li kienet dementi u affettwata b'marda mentali mill-guf;

1.13. Illi l-istess Giovanna Maria ma kienitx tista` tikkommunika b'mod kostruttiv – la bil-kliem u lanqas bil-gesti;

1.14. Illi kliem ma setghux johorgu minn fomm l-imsemmija Giovanna Maria, ma tirrispondix, izda kultant kienet taghmel espressjoni f'wiccha bi tbissima;

1.15. Illi ghalhekk, meta ghamlet it-testment taghha fl-1 ta' Novembru, 1982, (ara foll 50), l-istess testattrici ma kienitx f'sensiha;

1.16. Illi fil-fatt, *stante* l-inkapacita` taghha, l-istess Giovanna lanqas qatt ezercitat id-dritt taghha ghal-vot;

1.17. Illi ghalhekk it-testment tal-imsemmija Giovanna hu null u minghajr effett;

1.18. Illi konsegwentement, meta l-istess Giovanna rredigiet l-imsemmi testment hi kienet strument f'idejn haddiehor u b'hekk dan it-testment mhux validu skont l-artiklu 597 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.19. Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.19.1. Tiddikjara u tiddeciedi li Giovanna Maria Ellul ma kienitx kapaci taghmel testment, partikolarment dak datat l-1 ta' Novembru, 1982, *in atti* tan-Nutar Dottor Anthony Attard;

1.19.2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmi testment hu null u minghajr effett *stante* li l-imsemmija Giovanna Maria Ellul kienet inkapaci mentalment mit-twelid u konsegwentement kienet ta' mohh u ta' volonta` tant debboli li kienet strument f'idejn haddiehor u ghalhekk, it-testment *de quo* mhux validu skont il-ligi, partikolarment skont l-artiklu 597 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.19.3. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-26 t'Ottubru, 2010, li permezz taghha l-intimata Rose Stivala sintetikament irrispondiet is-segwenti:

2.1. Illi l-fatti kif allegati mir-rikorrenti huma kollha korretti;

2.2. Illi tirrimetti ruhha ghall-gudizzju tal-qorti:

2.3. Illi m'ghandiex tbaghti spejjez;

2.4. Salv risposti ulterjuri;

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-1 ta' Novembru, 2010, li permezz taghha l-intimati l-ohra sintetikament irrispondew is-segwenti:

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li l-imsemmija Giovanna Maria Ellul kienet mentalment kapaci skont il-ligi meta ghamlet it-testment taghha fuq riferit;

3.2. Illi l-istess testatrici indikata fil-paragrafu precedenti kellha biss *speech defect* li ma kienx itellifha milli tikkomunika ma' terzi;

3.3. Illi in effetti l-istess rikorrenti ma kellu l-ebda problemi jidher f'kuntratt ta' divizjoni fejn l-istess Giovanna Maria kienet rapprezentata mill-mandatarju taghha, (ara foll 11);

3.4. Illi l-istess testatrici *de quo* ma kienitx strument f'idejn haddiehor;

3.5. Illi pero` m'humiex jikkontestaw il-paragrafi numru 1 sa 7 tar-rikors guramentat, (ara foll 1 u 2);

3.6. Illi jichdu pero` il-paragrafi numru 8 sa 13, (ara foll 2);

3.7. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3.8. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-25 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikat biex jisma` l-provi kollha f'din il-kawza, (ara foll 71);

5. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata ordnat li l-inkartament li sa dak iz-zmien kien f'idejn l-assistent gudizzjarju fuq riferit jingieb lura fl-atti tal-istess procedura, (ara foll 93);

6. Rat id-digriet taghha datat it-22 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata, hatret Imhallef Supplenti ghall-iskop hemm indikat, (ara foll 98);

7. Rat id-digriet taghha datat it-30 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu, fuq talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 179), liema termini kienu sussegwentement estizi permezz tad-digriet ulterjuri taghha datat it-18 ta' Gunju, 2015, (ara foll 214);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata is-17 ta' Lulju, 2015, (ara foll 216), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati Margaret armla ta' Joseph Ellul, flimkien ma Matthew u Andrew ahwa Ellul, (ara foll 223);

9. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati kollha prodotti;

11. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi tenut kont tas-suespost, il-vertenza odjerna tista` tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

12.1. Illi r-rikorrenti qieghed jitlob dikjarazzjoni minn din il-qorti li t-testment ta' ohtu Giovanna Maria Ellul datat l-1 ta' Novembru, 1982, (ara foll 50), hu testment null *stante* li l-istess ohtu kienet mentalment inkapaci *ai termini* ta' l-artiklu 597 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

12.2. Illi in effetti l-istess Giovanna Maria Ellul mietet fil-5 ta' Settembru, 2006, (ara foll 55);

12.3. Illi permezz ta' l-istess testment taghha fuq riferit, (ara paragrafu numru tnax punt wiehed, (12.1.), aktar qabel), l-istess testatrici ddisponiet mill-gid taghha bil-mod segwenti:

12.3.1. L-uzufrutt ta' hwejjigha hallietu lil hutha Tereza u Maria li kienet tghix maghhom, (ara foll 52);

12.3.2. Innominat lil hutha Joseph Ellul u lit-tfal tieghu bhala eredi universali, (ara foll 52);

Ikkunsidrat:

13. Illi rigward l-inkapacita` testamentarja delineata fl-artiklu 597 tal-Kap fuq indikat is-sentenza tal-***Qorti ta' l-Appell Civili fl-ismijiet Giuseppe Formosa vs. Giuseppe Axiak datata l-20 ta' Gunju, 1938, Volum XXXA I 176***, tistabbilixxi fost affarijiet ohra, is-segwenti:

> "Illi r-rekwiziti tal-kapacita` mentali biex wiehed jiddisponi b'testment, ma jirrikjedix "una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cio` che si fa` .... basta che chi dispone per testamento sia` fornito di sufficiente percezione raziocinio o memoria ondesia capace di determinazione e di volonta` ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose";

14. Illi ghandu wkoll ikun inoltre pacifiku li fil-kazijiet in genere il-prova tal-inkapacita` tispetta lil min jallegha;

15. Illi *di piu`*, tali prova trid tkun ukoll cara, univoka u konklussiva, *stante* li l-accertament tal-inkapacita` tinhtieg li tkun shiha u rigoruza;

16. Illi hu hekk biss li jista` jkun validment u legalment assodat li testatur ma jkunx munit b'dik il-kuxjenza necessarja li ma tippermettilux ikun jaf x'ikun qieghed jaghmel meta jkun qieghed jirredigi testment;

17. Illi ghalhekk meta tali allegazzjoni tkun ibbazata fuq semplici kongetturi jew possibilitajiet, dan ma jkunx bizzejjed biex wiehed jikkonkludi li kien hemm inkapacita` mentali fir-rigward;

18. Illi *stante* li f'kazijiet bhal dawn tkun qed tigi attakkata persuna li tkun ghaddiet ghal hajja ahjar, il-fatti allegati fil-konfront taghha li jibbollawha b'dan il-fardell iridu jkunu precizi u konkludenti;

Ikkunsidrat:

19. Illi tenut kont tas-suespost, fattur iehor determinanti fir-rigward hu r-ragjonevolezza tad-dispozizzjonijiet li jkunu gew inkluzi fit-testment in dizamina;

20.0. Illi ghalhekk ezami tat-testment hu necessarju biex jigi determinat:

20.1. Illi t-testment ma jkollu l-ebda sinjali ta' stoltezza jew ta' stupidita`; u

20.2. Illi l-istess testment ikun generalment ikkarettizzat b'dak is-sens ta' ragjonevolezza li wiehed komunement jistenna fl-atti ta' din ix-xorta;

Ikkunsidrat:

21. Illi *di piu`*, d-disposizzjonijiet ta' nies professjonali huma ta' rilevanza kbira fir-rigward biex wiehed ikun jista` jikkonkludi l-inkapacita` o meno ta' testatur;

Ikkunsidrat:

22. Illi in vista tal-principji sintetikament su elenkati, jispetta allura li l-oneru tal-prova tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti tispetta lill-istess rikorrenti;

23.0. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti sintetikament jallega s-segwenti:

23.1. Illi t-testatrici in dizamina ma kienitx kapaci taghmel l-affarijiet ta' kuljum, (ara foll 76);

23.2. Illi l-istess ma kienitx kapaci titkellem sew u tikkomunika, (ara foll 77);

23.3. Illi ma kienitx kapaci tesprimi lilha nnifisha, (ara foll 77);

23.4. Illi finalment, lanqas kienet kapaci tohrog wahedha mid-dar, (ara foll 77);

23.5. Illi ghalhekk ma kienitx kapaci taghmel testment, (ara foll 76);

Ikkunsidrat:

24.0. Illi *nonostante* is-suespost, it-tabib kuranti taghha jsostni s-segwenti:

24.1. Illi in effetti l-istess testatrici in dizamina kienet *"educationally subnormal"*, (ara foll 132);

24.2. Illi pero` isostni li minkejja li t-testatrici *de quo* ma kienitx tuza sentenzi twal, hi xorta wahda kienet tesprimi l-hsibijiet taghha u kienet tikkomunika mal-fizjoterapista li kellha wara li kienet waqghet, (ara foll 133);

24.3. Illi jsostni wkoll li peress li l-istess kienet tuza *"inhaler"* dan il-fatt fih innifsu kien jindika kapacita` mentali, (ara foll 133);

24.4. Illi jsostni wkoll li l-istess testatrici kienet kapaci tifhem dak li jghidlha n-nutar u twiegeb kemm fl-affermattiv, kif ukoll fin-negattiv, (ara foll 133);

24.5. Illi t-testatrici *de quo* kienet issajjar, (ara foll 134);

24.6. Illi l-istess testatrici kienet kapaci turi x-xewqat taghha, (ara foll 137);

24.7. Illi finalment l-istess tabib kuranti taghha jsostni bi kjarezza li l-istess testatrici in dizamina kienet kapaci taghmel testment, (ara foll 134);

Ikkunsidrat:

25.0. Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi kif fuq sintetikament elenkati jirrizulta assodat is-segwenti:

25.1. Illi t-testatrici in dizamina kienet persuna li kienet mentalment deficjenti;

25.2. Illi pero` id-deficenza riskontrata ma tirrizultax li kienet thalliha inkapacitata mija fil-mija, *stante* li fil-limitazzjonijiet anke gravi fuq riskontrati, jirrizulta li xorta kienet kapaci tikkomunika l-hsibijiet essenzjali taghha u tifhem l-effetti tal-istess;

Ikkunsidrat:

26. Illi tenut kont tal-assjem fuq elenkat, ma jistghax ikun konkluz b'serenita` li t-testatrici *de quo* ma kelliex dik il-fakulta` mentali bizzejjed biex ma tippermettiliex kapacita` mentali sufficjenti biex ma tkunx taf x'qed taghmel meta ghamlet it-testment in dizamina;

27. Illi kif riprodott fl-*Annali della Gurisprudenza Italiana: Vol XII, P.I. sez. 1, pag. 503*:

"... illi ghall-validita` ta' testment huwa bizzejjed li t-testatur ikollu kuxjenza, jew ahjar li jkun jaf u jifhem

x’ikun qieghed isir u li fil-fatt ikun sar, b’mod li mhux imprexindibilment mehtieg li l-volonta` intelligenti u libera tat-testatur tkun perfettament u rigorazament sana”;

Ikkunsidrat:

28.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

28.1. Tilqa` ir-risposti guramentati tal-intimati Margaret Ellul u ta’ Matthew u Andrew ahwa Ellul;

28.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti Fortunato Ellul;

28.3. Tirrespingi wkoll ir-risposti guramentati tal-intimata Rose Stivala;

28.4. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti Fortunato Ellul u kontra l-intimata Rose Stivala fi kwoti rispettivi ta’ disgha minn ghaxra (9/10) kontra r-rikorrenti hawn indikat u ta’ parti minn ghaxra, (1/10), kontra l-intimata indikata f’dan il-paragrafu.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**